Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 74/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
v

**JOSEPH CHETCUTI**
**CHARLTON CHETCUTI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH CHETCUTI** ta' sebgha w erbghin sena bin Michael u Catherine nee Bugelli, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Mejju 1955 u joqghod 56, 'Villa Soya', Triq il-Gemmugha, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 359955M u **CHARLTON CHETCUTI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Joseph u Isadora nee Foca, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Awissu 1978, u joqghod 56, 'Villa Soya', Triq il-Gemmugha, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 376578M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. talli fis-sittax ta' Dicembru 2002 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar hebb ghal Benjamin u Marisa konjugi Bondin u Bernard Bondin minn Bormla w ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marisa Bondin u Bernard Bondin skond kif ccertifika Doctor J. Cassar MD mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla;

2. talli fl-istess cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

3. talli fl-istess data, hin u lok ghajjru, ingurjaw, insulentaw, offendew bi kliem u heddu bi kliem lil Bernard Bondin;

4. talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna hsara voluntarja fuq il-vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni SYC 001 proprjeta ta' Marisa Bondin, liema hsara teccedi l-mitt lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghal persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b'obbligazzjonijiet taghhom nnifishom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sbatax ta' Frar 2003 [fol 9].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehed PC 568** [fol 11] fejn qal li fis-sittax ta' Dicembru 2002 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofisnhar kellhom telefonata li kien hemm xi glied kwazi hdejn il-pitch tal-Bocci ta' Bormla u ghalhekk flimkien ma PS 1354 mar fuq il-post fejn sabu hafna nies imqabbda f'xulxin u fosthom kien hemm l-imputati odjerni li wara rrizulta li kellhom xi kunflitt ma Marisa u Bernard Bondin fuq xi storbju ta' karozza. Dawn tal-ahhar qalu lil Pulizija li l-imputati kienu daru ghalihom, bdew jaghtuhom u ghamlulhom hsara fil-karozza taghhom tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni SYC 001. Dawn qalu wkoll li sofrew xi griehi u ghalhekk il-Pulizija baghtuhom l-isptar biex jghamlu certifikat mediku. Dawn izjed tard kienu hadu certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Jesmond Cassar u wara l-Pulizija hargu c-charges presenti. Mistoqsi jekk rax il-vettura in kwistjoni x-xhud qal li kien raha u ra li kellha hsarat fuq il-bieb tal-lemin u daqqiet ohra fuq quddiem u meta staqsa lil Bernard Bondin kif kienu gew kogjonati dawk il-hsarat, dan qallu li kienu saru mill-imputati odjerni. Qal li l-incident in kwistjoni hu ma rahx u li dak li xehed kien fuq dak li rrizultalu mill-investigazzjoni tieghu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi familjari ta' l-imputati x-xhud qal li kien hemm pero mistoqsi jekk kienx hemm l-imputat Joseph Chetcuti, ix-xhud ma setghax jiftakar. Qal li l-imputati kienu gew mitkellma mis-Surgent. Qal li wara li l-familja Bondin marru bic-certifikati l-Ghassa, il-Pulizija baghtet l-imputati biex igibu certifikati medici wkoll u s-Surgent kien qal li kemm l-familja Bondin kif wkoll l-imputati kienu ser jitressqu l-Qorti. Qal li meta mar hu fuq il-post kien hemm aktar kwistjoni ta' paroli milli glied.

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehed Benjamin Bondin** [fol 14] fejn qal li hu kien xoghol fil-hanut tieghu u ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar kien cempillu t-tifel tieghu Bernard, u qallu sabiex jinzel u jassistih peress li kienu daru ghalih xi hames minn nies tal-familja Chetcuti. Qal li minnufih nizel fuq il-post u vicin t-tifel tieghu kien hemm l-familjari tal-imputati. Qal li hu dar fuq Michael Checuti u staqsieh jekk kienx hu li beda jaghti lit-tifel tieghu u huwa fetah il-bieb tal-karozza tieghu u qabdu

jillitigaw. Qal li sussegwentement mar hu Michael u cioe l-imputat Joseph Chetcuti li gharaf presenti fl-awla u qallu "Ejja nitkellmu ahna bejnietna biex nikkalmaw" u ix-xhud qal li saq ‘l hemm biex jitkellem ma Joseph Chetcuti. Mistoqsi jekk rax xi hsarat fuq il-vettura jsiru, ix-xhud qal li ma rax, qal li Joseph Aquilina rahom li kien fil-presenza tat-tifel tieghu Bernard. Mistoqsi jekk kellux ricevuta tal-hsarat sofferti fuq il-vettura taghhom ix-xhud qal li l-mara tieghu kellha tali dokumenti.

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 **xehdet Marisa Bondin** [fol 16] fejn qalet li hija sid il-vettura tal-ghamla Oper Corsa bin-numru ta' registrazzjoni SYC 001 u li din hija registrata f'isimha. Qalet li nhar s-sittax ta' Dicembru 2002 kien cemplilha t-tifel taghha Bernard u qalilha li kienu daru mieghu u bdew jsawwtuh l-familjari ta' Chetcuti fosthom Michael, Charlton u Joyce Chetcuti. Qalet li binha kien qalilha li dawn daru mieghu u bdew jaghtuh. Qalet li hi marret minnufih fuq il-post <u>u rat lil binha mal-art u lil Joyce taghtih</u>. Qalet li sussegwentement mar Michael fuqu u tah daqqa fil-parti privata tieghu. Qalet li hi ppruvat tohrog lil binha minn taht Joyce u sussegwentement qamet ghaliha, taghtha daqqa ta' ponn u tefghatha mal-art u spiccat b'concussion. Mistoqsija jekk hi ratx xi daqqiet fuq il-karozza, x-xhud qalet li ghalkemm ma rathomx isiru taf li kien hemm diversi. Qalet li skond ma qalilha t-tifel taghha, dawn saru mill-imputat Charlton Chetcuti. Hija esibit stima tal-hsarat sofferti fil-vettura taghha li giet immarkata bhala dokument MB a fol 19. Mistoqsija jekk tafx lil imputati Joseph u Charlton Chetcuti ix-xhud wiegbet li tafhom u li dakinhar tal-incident huma kienu fuq il-post. Qalet li meta hi waslet fuq il-post, zewgha Benny kien hemm wkoll. Mistoqsija x'rat lil imputati jaghmlu dak l-hin kif waslet fuq il-post ix-xhud qalet li ma rathom jaghmlu xejn daqskemm kien hemm genn u li dak l-hin kollha kienu qabzu fuq r-ragel taghha Benny. Qalet li l-incident sehh fi Triq il-Mithna, fejn ghandhom garaxx huma u fejn joqghod Michael Chetcuti, pero l-incident ma sehhx wara l-bieb tieghu. Qalet li hi ma tafx kif beda l-incident ghax ma kienetx hemmhekk. Mistoqsija jekk ratx lil Joyce Chetcuti mal-art tghid li ratha u qalet wkoll li hi bdiet taghtiha bis-sieq biex taqla lil binha minn tahtha.

Qalet li lil Joseph Chetcuti hi ma ratux jaghti daqqiet, lanqas lilha. Qalet li hi qalghet daqqiet minn wara pero ma kienetx f'posizzjoni tghid min tahomlha. Mistoqsija tghid jekk ratx lil imputat Charlton Chetcuti jaghti jew jaghmel xi haga x-xhud qalet li dak il-hin hi ma rathux.

Meta nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 **regghet xehdet Marisa Bondin** [fol 24A] qalet li hi rat lil imputat Joseph Chetcuti jaghti lir-ragel taghha Benny, filwaqt li rat lil Charles wkoll fuq zewgha. Qalet li rat lil imputat Joseph Chetcuti jaghti daqqa ta' ponn f'ghonq binha u li minhabba f'din d-daqqa ghadu jbati b'ugigh sa llum. Qalet li kellu diversi griehi fuq dahru peress li l-imputati kaxkruh mal-art. Qalet li dakinhar il-vettura taghha kienet f'idejn binha u kienet hdejn il-garaxx. Qalet li l-vettura taghha kellha diversi daqqiet fuq is-saqaf kif wkoll fuq il-gemb. Qalet li sussegwentement hi kienet hadet il-vettura taghha ghand l-Ballerin fiz-Zejtun u gabet l-istima gia esibita a fol 19, liema stima tammonta ghal mitejn u tnax il-lira u hamsa w sebghin centezmu. Qalet li rat lil Joyce tmieghek lil binha mal-art u li kien ilhom jaghtuh xi saghtejn qabel ma hi waslet fuq il-post. Qalet li ghalkemm hi ma ratx lil imputati jaghtu lit-tifel, taf li hemm minn rahom.

Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2003 wara li l-Qorti fissritlu s-sinifikat ta' gurament peress li ghandu sittax il-sena, **xehed Bernard Bondin** [fol 20] fejn qal li hu dakinhar tal-incident kien qed jitkellem u jirranga l-karozzi ma Joseph Bondin hdejn il-garaxx taghhom fi Triq il-Mithna, Bormla. Qal li Kenneth Chetcuti, li jigi l-kugin ta' l-imputat Charlton Chetuci, kellu xi argument ma Joseph Bondin, li jigi l-kugin tieghu, u ma jafx kif spicca imdahhal fih hu wkoll. Qalo li fid-daqqa w l-hin l-imputat Charlton Chetcuti mbuttah minn wiccu u dak l-hin z-zewg imputati tefghuh mal-art u Joseph Chetcuti tah daqqa f'ghonqu. Qal li sussegwentement mar Joseph Aquilina mar jipprotegih u jferraqhom. Qal li ra liz-zewg imputati jinfexxu fuq il-karozza ta' ommu u jghamlulha hsara fuq il-bieba, s-saqaf w il-bonnet. Qal li wara li s-sitwazzjoni kienet ikkalmat u kienu sejrin d-dar, gie Michael Chetcuti frisk mid-dar meta ma kien jaf xejn u beda jiggieled ma Joseph Aquilina. Joseph Aquilina bezgha u qallu li kien hu u ghalhekk

Michael Chetcuti dar fuqu [fuq x-xhud] u tah daqqa ta' ponn f'wiccu u pprova jqaccat il-bieb tal-garaxx taghhom u gew il-Pulizija. Ix-xhud qal li kien hu li cempel lil genituri tieghu dak l-hin meta Joseph Aquilina kien qed jzommhom milli jkomplu jaghtuh. Ix-xhud kompla jghid li missieru mar u beda jirraguna ma Michael Chetcuti wiehed mix-xhieda qallu "Qed tirraguna maghhom meta huma bdew jaghtu lit-tifel." Dak l-hin Joyce Chetcuti tefghetu mal-art u ma riditx titilqu w imbaghad marret ommu fuq il-post. Michael Chetcuti beda jaghti fuq il-parti ta' gismu meta kien fl-art. Qal li ommu, lil Joyce, sabitha mal-art meta giet u li susswegwentement marru l-Ghassa. <u>Ix-xhud qal li l-imputat Joseph Chetcuti ta' daqqa ta' sieq lil vettura ta' ommu fil-bieba u l-imputat Charlton Chetcuti ta' daqqa ta' ponn fuq is-saqaf u fuq il-bonnet.</u> Ix-xhud ikkonferma li l-imputati odjerni huma Chartlon u Joseph Chetcuti. Qal li l-imputat Joseph Chetcuti tah daqqa ta' ponn fuq ghonqu waqt li Charlton Chetcuti mbuttah minn wiccu. Ix-xhud qal li wara mar il-poliklinika fejn gie rilaxxat lilu certifikat mediku markat bhala dokument CHS 6.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed Joseph Bondin** [fol 30] fejn qal li nhar s-sittax ta' Dicembru 2002 hu kien hdejn l-garaxx ta' missier Bernard Bondin, u cioe Benny Bondin fil-Bormla fejn kienu qed jaghmlu xi xoghol fil-karozza tieghu. Qal li maghhom kien hemm l-kugin tieghu Kenneth Chetcuti u gie allegat li kien ser jtajjru xi jumejn qabel u waqt li kien qed jitkellem ma Kenneth Chetcuti mar l-imputat Joseph Chetcuti, li jigi z-ziju ta' Kenneth Chetcuti. <u>Dak il-hin Joseph Chetcuti hebb ghal kugin tieghu Bernard Bondin</u> u dak l-hin Bernard dahal fil-karozza u hareg Charlton Chetcuti. <u>Qal li fil-fatt kemm Joseph Chetcuti kif wkoll Charlton Chetcuti bdew jaghtu lil Bernard Bondin u lil karozza.</u> Qal li l-karozza tappartjeni lil Marisa Bondin li tigi omm Bernard Bondin. Qal li Bernard Bondin tah wkoll xi daqqiet. Ix-xhud kompla jghid li dak l-hin kien tiela certu Joseph Aquilina u gie biex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni u appena kkalmahom, gie Michael Chetcuti li ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz u beda jhebb ghal Bernard Bondin u jaghti daqqiet fuq il-vettura u fuq il-bieba. Qal li Michael Chetcuti jigi hu l-imputat Joseph Chetcuti. <u>Qal li ra lil imputati jaghtu daqqiet lil</u>

Bernard Bondin fuq ghonqu u fuq dahru. Qal li ra lil imputati jghtu bil-ponn fuq il-karozza ta' Marisa Bondin kemm fuq il-bonnet, fuq is-saqaf u fuq il-bieb tal-istess vettura. Ix-xhud qal li meta Joseph Chetcuti, li jahdem bieb ma bieb mal-garaxx fejn kienu qed jahdmu u resaq lejhom ma kienx hemm diskors u Bernard Bondin ma qallu xejn. Kien Joseph Chetcuti li beda jghajjar lil Bernard Bondin kiesah u bierad u x'qal Bernard lil Joseph Chetcuti ma jafx. Qal li dak l-hin Bernard kien ghadu barra pero wara telaq jigri fil-karozza u dahal fiha. Qal li lilu pero l-akkuzat ma sawwtuhx jew offendewh. Ix-xhud qal li hu kull ma ghamel kien li pprova jifridhom meta ra lil akkuzati jhebbu ghal Bernard. Qal li huwa minnu li Bernard telaq jigri ghal gol karozza ghalkemm l-imputati bdew jaghtuh, ma ddefendix ruhu ghaliex ried jevithom. Qal li l-incident dam sejjer xi nofs siegha mill-bidu sal-ahhar. Ix-xhud qal li ma jafx kemm il-daqqa qala Bernard qabel dahal fil-karozza ghalkemm qal li qala qisu hames minuti daqqiet minghand l-imputati. Qal li meta Bernard dahal fil-karozza tella' l-hgieg ghalkemm mhux kollha u dawn baqghu jaghtuh. Qal li Bernard baqa jigi aggredit kemm waqt li kien barra kif wkoll meta kien fil-karozza. Qal li qabel ma Bernard dahal fil-karozza daqqiet ma kienx hemm, ghaliex hu telaq jigri. Qal li wara l-imputat Joseph Chetcuti hareg lil Bernard mill-karozza u kompla jaghtih u dak il-hin anke l-imputat Charlton Chetcuti beda jaghtih fuq ghonqu u fuq rasu.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed Joseph Aquilina** [fol 33] fejn qal li hu kien tiela bil-karozza tieghu lejn il-pitch tal-Bocci ta' Bormla dakinhar tal-incident u ra lil akkuzati flimkien ma Bernard Bondin u persuna ohra li bew jillitigaw u jaghtu mal-karozza. Qal li hareg mill-karozza tieghu biex jferraqhom u ferraq liz-zewg akkuzati u persuna ohra minn fuq il-persuna ta' Bernard Bondin li hu t-tifel ta' habib tieghu. Qal li anke l-akkuzati odjerni huma hbieb tieghu. Qal li ghalkemm ipprova jferraqhom, ma setghax jzommhom l-erbgha li kienu. Qal li ghal ewwel kienu tlieta w imbaghad gie r-raba wiehed u hu mar jzommu wkoll. Qal li meta pprova jaqla u jwarrab lil Bernard, peress li kien ghadu zghir biex ma jaqlax l-akkuzati u persuna ohra bdew jaghtu fuq il-karozza ta'

missier Bernard, Benny Bondin. Qal li ghal ewwel hu ra lil akkuzati jaghtu fuq il-karozza ta Benny Bondin. Qal li ma rahiex haga sewwa li kienu qed jaghtu lil Bernard Bondin u li ghalhekk indahal biex jferraqhom. Qal li meta huwa wasal fuq il-post Bernard kien diga fil-karozza quddiem il-garaxx taghhom pero ma jafx minn fetah il-bieba tal-karozza fil-konfuzjoni fejn kien hemm Bernard. Qal li lil Bernard hu rah hiereg mill-karozza u l-akkuzati bdew jaghtuh. Qal li hu ra lil Joseph Chetcuti jghti lil Bernard kemm bis-sieq kif wkoll bil-ponn. Qal li ra wkoll lil Charlton Chetcuti jaghti bis-sieq u bl-idejn lil Bernard u ghalhekk dahal biex jferraqhom. Qal li wara li kkalmat s-sitwazzjoni kollha giet persuna ohra tigri u haseb li kien hemm Joseph Bondin jiggieled ma hutu u dak l-hin hu ghamel ghalih. Qal li meta Bernard kien barra l-karozza, dam xi hames minuti jaqla u li kien hu li ferraqhom pero wara regghu bdew jaghtu.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed Doctor Jesmond Cassar** [fol 36] fejn qal li dakinhar tas-sittax ta' Dicembru 2002 waqt li kien fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla hu ezamina lil Marisa Bondin ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar fejn allegatament din kienet qaltlu li kienet giet imsawwta. Qal li sabilha kontuzjoni fuq imnehirha u kontuzjoni ohra fuq in-naha ta' wara ta' rasha. Qal li l-feriti 'n kwistjoni kienu ta' natura hafifa u li huma kompatibbli ma daqqa ta' oggett iebes u li jista jkun b'daqqa ta' ponn. Qal li l-feriti riskontrati minnu setghu gew kagjonata ma kwalsiasi “blunt injury” ohra. Huwa kkonferma c-ceritifkat rilaxxjat minnu esibit fl-atti a fol 13 markat bhala dokument CSH 5. Ix-xhud qal li fl-istess jum hin u post hu ezamina lil Bernard Bondin fejn gie allegat wkoll li kien gie msawwat. Qal li dan kellu diversi brix u kontuzjoni f'wiccu, f'dirghajh t-tnejn u fuq dahru. Qal li dawn l-griehi huma ta' n-natura hafifa u huma kompatibbli ma daqqiet u ma xkanatura jew waqa.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed John Montebello** [fol 44] fejn qal li huwa sprayer u li ghandu garaxx maghruf bhala l-Ballerin. Meta gie muri d-dokument MB a fol 19 tal-atti, x-xhud ikkkonferma li dan huwa stima maghmula minnu ghalkemm qal li r-ricevuta li

hemm fl-atti ma gietx maghmula minnu fis-sens li l-istima tieghu tindika ammont izghar. Qal li hu ma jafx jikteb u lanqas jaqra. Qal li l-kitba hija ta' Philip Hammet li hu mekanik li joqghod hdejh. Qal li dak li hemm mitkub suppost gie miktub minn dan Philip Hammet fuq struzzjonijiet li tah hu u li dan Hammet kellu jikteb dak li kien ser jaghmel hu u cioe xoghol ta' panel beating. Ix-xhud qal li hu kien ser jaghmel biss xoghol ta' spray. Qal li d-dinitrol ma kienx jaf min kien ser jghamlu. Ix-xhud qal li tal-ispray li kien ser jaghmel hu kien ser jiccargja mija u hames liri maltin. Qal li l-karozza in kwistjoni kien hadilu t-tifel ta' Bondin u kienet jew Vauxhall jew Oper celesti metalllic bhala kulur. Qal li dak x-xoghol kien ghadu m'ghamlux sa dakinhar li xehed.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed Philip Hammet** [fol 49] fejn qal li hu ghandu s-sengha ta' mekkanik fuq il-karozzi. Mistoqsi jekk hu ghamilx stima lil xi hadd dwar karozza tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni SYC 001 ix-xhud qal li hu ma kien hareg ebda stima pero kien fil-presenza ta' persuna li ma kienetx taf tikteb u talbu biex jiktibha ghan-nom taghha. Qal li l-persuna li qed jirreferi ghaliha huwa l-Ballerin. Meta x-xhud gie muri d-dokument MB a fol 19 tal-atti, qal li fil-fatt dik hija kitba tieghu pero xoghol fuq din il-karozza hu m'ghamilx fl-ebda hin. Qal li hu kiteb biss dak li qallu l-Ballerin. Qal li waqt dan l-inkontru kien hemm hu, l-Ballerin u certu Bernard li kien qed isuq l-karozza in kwistjoni u li l-karozza in kwistjoni hadd ma saqha lejh izda hu mar fejn kienet din il-karozza.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2004 **xehed l-imputat Joseph Chetcuti** [fol 55] fejn qal li hu jahdem bhala mastrudaxxa Bormla. Qal li dakinhar tal-incident hu kien spicca mix-xoghol ghall-habta tal-erbgha u kien sejjer d-dar. Qal li kienu hu, Kenneth Chetcuti u ibnu Charlton Chetcuti l-akkuzat l-iehor. Qal li hu kien bil-vann tax-xoghol u dahal fih. Ix-xhud kompla jghid li ibnu l-imputat Charlton Chetcuti dahal fil-karozza tieghu u Kenneth Chetcuti dahal f'tieghu. Qal li kienu nezlin wara xulxin u f'daqqa wahda semgha skoss ghajjat li rrizulta li kienu nies li kienu daru ma Kenneth Chetcuti. Qal li dawn in-nies li daru ghal

Kenneth Chetcuti kienu Bernard Chetcuti u Joseph Bondin. Qal li Kenneth Chetcuti kien ftit 'l fuq minnu fis-sens li kien warajh. Qal li x'hin dawwar wiccu ra li dawn kienu qed jaghtu lil Kenneth Chetcuti li dak l-hin kien fil-karozza u ghalhekk ma setghax johrog. Qal li ghalhekk hu gibed il-hand brake, waqaf u nizel mill-karozza. Ix-xhud kompla jghid li meta Bernard Bondin ra hekk, mar gas down fuqu, tefghu fuq l-bonnet tal-karozza tieghu u qallu biex jwarrablu biex imur jigbor arma. Ix-xhud kompla jghid li hu mbaghad qam, fetah idejh u sab lil Bernard ma wiccu. Qal li wara nizel t-tifel tieghu Charlton, l-imputat l-iehor, w ipprova jikkalma s-sitwazzjoni. Qal li sa dan it-tant Joseph Bondin u Kenneth bdew jaghtu. Qal li wara giet omm Bernard, Marisa Bondin pero hu ma kellimiex. Qal li l-hsara li kien hemm fuq il-vettura Opel Corsa ta' Bernard gew kagjonati minnu meta waqa fuqha hu. Qal li meta kienu ser jistartjaw biex jitilqu kienet gejja karozza ohra sparata u dak l-hin mar missier Bernard u meta waqaf biex jara x'kien gara ra lil missier Bernard ser jiggieled ma Michael Chetcuti. Qal li dan Michael Chetuci jigi huh u joqghod proprju f'dawk l-akwati, ma gemb l-garaxx. Qal li Michael Chetcuti kien ser jidhol f'daru u fid-daqqa w l-hin mar missier Bernard, zamm brake, rah ser jidhol f'dahru u bdew jiggieldu. Qal li hu mar jferraq lil Michael Chetcuti u missier Bernard billi qabad lil missier Bernard. Ix-xhud qal li ma ra lil hadd jaghti bil-ponn lil Bernard u li lil Bernard fl-art ma rahx. Qal li meta qam minn fuq il-karozza laqat lil xi hadd pero ma kienx jaf lil min. Qal li mhux minnu dak li gie allegat li hu ta daqqiet bis-sieq lil vettura tal-familja Bondin.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 **rega' xehed l-imputat Joseph Chetcuti** [fol 58] u esibixxa pjanta li hu kien ghamel li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 68]. Qal li din saret minn Charlton Chetcuti. Qal li huma kienu ilhom jghamlu rapporti fuq Bernard Bondin lil Pulizija fis-sens li Bernard kien qed isuq b'mod perikoluz u li l-Pulizija qatt ma hadet passi fuq r-rapporti taghhom.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **rega' xehed in kontro ezami l-imputat Joseph Chetcuti** [fol 73] fejn qal li hu u l-imputat Charlton Chetcuti kienu fil-vettura taghhom u

kienu mexjin u x'hin kienu nezlin l-vettura ma Kenneth Chetcuti ma rawhix ticcaqlaq pero raw lil Joseph Bondin ma gemb Kenneth li ma kienx ghadu beda jsuq. Qal li f'hin minnhom Joseph Bondin u Bernard Bondin kienu barra l-karozza fejn kien bil-qeghda Kenneth. Qal li Kenneth kien fuq is-seat tas-sewwieq. Qal li Joseph Bondin biss kien sawwat lil Kenneth u li Bernard Bondin kien telaq ‘l hemm. Qal li fil-fatt Kenneth biss kien qed jaqla daqqiet minghand Joseph Bondin u mhux minghand Bernard kif qal fix-xhieda precedenti tieghu tat-tnax ta' Ottubru 2004. Mistoqsi liema hija l-verzjoni t-tajba u cioe jekk Joseph Bondin qabadx lil Kenneth mninn ghonqu jew jekk effettivament sawwtux, ix-xhud qal li ma kienx jaf. Ix-xhud qal li ra ras Joseph Bondin fil-vettura ta' Kenneth Chetcuti. Qal li hu kien lahaq mexa xi hmistax il-pied u meta ra hekk, waqaf f'nofs ta' triq u ghalhekk Bernard ma setghax johrog ghaliex hu kien ostakolalu t-triq. Qal li ra lil Bernard johrog mill-karozza tieghu, pero l-arma ma rahx igibha. Qal li Bernard mar igib spanner. Mistoqsi kif gew kagjonati l-hsarat fuq il-bieba, fuq il-bonnet u fuq is-saqaf ix-xhud qal li ma jafx pero kkonferma li hu kien waqa fuq il-bonnet ghalkemm ma kienx hemm hsara. Cahad li hu sawwat lil Bernard Bondin u qal li malli Bernard tah, hu fetah idejh w irreagixxa ftit. Qal li lil Bernard Bondin hu hatfu u tefghu lil hinn biex jinfired minn ma Charlton Chetcuti biex l-affarijiet jikkwitaw bejniethom.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 **xehed l-imputat Charlton Chetcuti** [fol 61] fejn qal li l-pjanta dokument JC a fol 68 ghamilha hu bil-computer. Qal li dakinhar jiftakar li huma kienu ghadhom kif hargu ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar mill-workshop ta' missieru cioe l-ewwel zewg garaxxijiet, fejn il-Qorti mmarkat bl-ittra 'X'. Qal li hu dahal fil-karozza tieghu w irriversja kif hemm indikat fil-pjanta, u huh irriversja bil-vettura tieghu u kien ghadu kif waqaf. Qal li kien hemm il-kugin ta' Bernard, Joseph Bondin u mar jhebb ghal Kenneth u ghalhekk hu nizel mill-karozza tieghu w imbotta lil Joseph Bondin lil hinn. Qal li dak l-hin Bernard kien hdejn Joseph Bondin u telaq jigri bil-vettura tieghu. Ix-xhud kompla jghid li dak l-hin wasal missieru fuq il-post u ma kienx jaf x'kien ghaddej u Bernard saq fid-direzzjoni ta' missieru. Qal li hu telaq jigri

fid-direzzjoni tal-vettura tieghu u Bernard fetah il-bieb tal-vettura tieghu ghal fuqu. Ix-xhud kompla jghid li hu rreagixxa billi mbotta lil Bernard u li minn dak l-hin 'l quddiem ma jiftakarx x'gara peress li kien gie mizmum. Mistoqsi minn min kien gie mizmum mill-Qorti, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Ix-xhud qal li kif lahqu kkalmaw l-affarijiet u kienu serjrin fil-karozza taghhom, semghu brake qawwi mill-vettura ta' missier Benny Bondin. Qal li ra lil Michael Chetcuti jaghti u jimbotta lil missier Bernard biex jipprova jifred lil Bondin minn ma Joseph Chetcuti.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **rega' xehed in kontro ezami l-imputat Charlton Chetcuti** [fol 78] fejn qal li Kenneth Chetcuti jigi kuginuh. Qal li missieru Joseph kien li rriversja u li Kenneth kien baqa fejn kien. Qal li hu kien fil-karozza tieghu waqt li missieru kien fil-vann tieghu. Qal li meta Bernard Bondin u Joseph Bondin kienu qed jillitigaw ma Kenneth, Kenneth kien fil-karozza. Qal li l-ewwel kien Kenneth quddiem u wara hu. Ix-xhud kompla jghid li Joseph Bondin ma setghax jitlaq minn fuq il-post kif kienu stazzjonati l-karozzi taghhom. Qal li ma kienx jaf kif Bernard ippretenda li jitlaq minn fuq il-post peress li kien ostakolat. Mistoqsi minn zammu dak l-hin ix-xhud qal li kien wiehed li jahdem vicin taghhom stess certu Philip u li dan zammu biss dak l-hin. Qal li missieru jahdem ta' mastrudaxxa.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 **xehed Michael Chetcuti** in difesa [fol 63] fejn qal li jum fost l-ohrajn hu kien qed jinhasel u giet mara tigi tghidlu biex immur peress li t-tifel ta' huh kien qed jigi assaltat. Qal li hareg jigri mid-dar u sab lil kugin ta' Bernard Bondin, certu Clayton Bondin u appena rah qallu li ma kienx hu u li kien Bernard. Qal li ghalhekk hu mar jigri fuq Bernard biex jara x'kien gara w imbuttah biex jitlaq ‘l hemm u jispicca kollox. Qal li mar lura d-dar u kif appena kien ser jiftah, mar jigri missier Bernard li kien gie fuq il-post sparat bil-karozza u waqaf hdejh, hareg mill-karozza u qabdu jaghtu. Qal li dak l-hin mar Charlton Chetcuti u zamm lil Benny Bondin u kif dawwar wiccu sab lil martu mal-art u Bernard Bondin fuqha bi spanner twil f'idejh u kien hemm habib ta' Bernard jigbidlu l-ispanner minn idejh. Qal li fl-istess hin

ra lil omm Bernard taghti bis-sieq lil martu. Qal li meta ra hekk, imbotta lil Bernard minn fuq martu u gie l-kugin ta' Bernard jzommu. Qal li ma kienx jaf kif beda l-incident ghaliex kien qed jinhasel x'hin beda u li hu dahal fil-glieda ghaliex Benny Bondin mar fuqu jaghtih. Qal li Benny kien qallu "Lili ejja fittex". Qal li Benny lilu ma tahx cans, qabad u beda jaghti mill-ewwel. Mistoqsi jekk rax il-karozza ta' Bondin b'xi hsarat, ix-xhud qal li ma rahiex ghax ma tax kaz.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 **xehdet Joyce Chetcuti** ukoll in difesa [fol 65] fejn qalet li ghall-habta tal-erbgha w ghaxra ta' wara nofsinhar dakinhar tal-incident, semghet xi ghajjat minn barra u ghall-ewwel hasbet li kien lehen binha. Qalet li huma joqghodu fil-vicinanzi tal-hanut ta' Joseph Chetcuti. Qalet li hi harget barra wara l-kantuniera biex tara x'kien ghaddej u rat lil Joseph Bondin jaqbad lil Kenneth Chetcuti minn ghonqu b'id wahda u jdawwar idejh mieghu. Qalet li dak l-hin Kenneth beda jghajjat "Itlaqni ghax ser tifgani." Qalet li hi telqet d-dar u marret tghajjat lil zewgha Michael biex jinzel peress peress li t-tifel ta' huh kien maqbud minn dahru minn Joseph Bondin u kien qed jghajjat u ghalhekk hi w r-ragel taghha regghu hargu. Qalet li kien hemm skiet perfett. Qalet li Joseph Bondin dak l-hin beda jghajjat li ma kienx hu u Bernard beda jitkellem hazin u jindirizza lilha u lil zewgha billi jghid "Ejja sib lili." Qalet li zewgha resaq lejh w imbuttah. Qalet li minn dak l-hin 'l quddiem ma tafx x'gara aktar. Qalet li l-imputati dak l-hin kienu presenti, dahlu fil-karozza u huma mxew lura d-dar u kif kienu ser jidhlu semghu brake kbir. Qalet li f'din il-karozza kien hemm Benny Bondin li qalilhom "Mieghi ejjew ghamlu l-arja" u hareg u qabad jaghti lil zewgha. Qalet li dan kollu sar quddiem d-dar taghha. <u>Ix-xhud qalet li x'kienet il-kwistjoni ta' bejniethom huma ma kellhomx x'jaqsmu.</u> Ix-xhud kompliet tghid li sadanitant mar Bernard bi spanner kbir biex jaghti lil zewgha minn wara. Qalet li hi biex tevita l-inkwiet bdiet tghidlu biex jaghtiha l-ispanner u hu mbuttaha, ta daqqa fuq koxtejha bl-ispanner, u qalibha mal-art u tela fuqha u baqa jaghtiha. Qalet li mbaghad giet omm Benny u bdiet taghtiha bis-sieq go rasha u wiccha. Qalet li mbaghad mar Joseph Aquilina u beda

jissara ma Bernard u jipprova jehodlu l-ispanner li kellu f'idejh u beda jghidilha biex titlaq. Qalet li dak l-hin mar zewgha, gholla lil Bernard u qajjimha minn mal-art u regget marret omm Bernard biex tissara maghha. Qalet li dak l-hin hi mbuttataha u waqghet lura mal-art u dahlet f'dahrha. Qalet li wara regghet marret wara l-bieb ta' darha u bdiet tkellimha hazin u ticcalingjha ghal glied. Hija esibit certifikat mediku dwar l-feriti li sofriet li gie mmarkat bhala dokument PS. Hija cahdet dak li allega l-parte civile li meta Benny Bondin qal lil zewgha "Ejja sib lili" zewgha nizel ghalih anzi qalet li kien Benny li nizel mill-karozza tieghu u li zewgha ma dahlax d-dar meta Benny beda jkellmu hazin.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2004 **xehed Kenneth Chetcuti** in difesa [fol 69] fejn qal li hu kien fil-hanut ta' zijuh Joseph Chetcuti u kien hemm wkoll Charlton Chetcuti. Qal li kienu ghalqu u kienu hergin sejrin ‘l hemm. Qal li l-imputati marru lejn il-karozza taghhom u hu mar lejn tieghu. Qal li dak l-hin tfacca Joseph Bondin. Ix-xhud irrefera ghal karozza tieghu bhala dik mmarkata bl-ittra "F" fuq il-pjanta dokument JC. Qal li Joseph Bondin jigi l-kugin tieghu u kugin ta' Bernard u li kien mar jkellem lilu. Qal li sakemm kien qed jitkellem ma Joseph Bondin, Bernard beda jghajjat "Ejja sib lili". Ix-xhud kompla jghid li hu dahal fil-karozza tieghu. Qal li dak l-hin Bernard dahal fil-karozza li kien qed isuq u qallu "Stennini hawn sakemm nigi sad-dar". Ix-xhud qal li hu ma tax kazu w baqa jsuq. Sussegwentement ra lil Joseph Chetcuti fuq il-bonnet tal-vettura ta' Bernard Bondin. Qal li hu talbu biex johrog pero dan ma hallihx. Qal li appena hareg dan lewielu idejh u kien ser jifgghu u waqaf kollox. Ix-xhud kompla jghid li dahal fil-karozza u semgha brake kbir, hareg u ra lil Michael Chetcuti u lil Benny Bondin imqabbda f'xulxin u lil Joyce Chetcuti mal-art u xi hadd bi spanner fuqha. Qal li mbaghad waqaf kollox hemmhekk u telaq ‘l hemm. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd jaghmel xi hsarat fuq il-vettura li kien biha Bernard Bondin, ix-xhud wiegeb li ma kien ra lil hadd. Qal li tul l-incident hu kien hemm il-hin kollu. Qal li jaf li Joseph Chetcuti kien fuq il-bonnet peress li kien gie mtajjar minn Bernard biha. Qal li ma ra lil hadd jkisser il-karozza ta' Bernard Bondin u li

lanqas ma ra lil xi hadd jsawwtu.  Qal li hu kien maqbud minn ghonqu u minn idejh minn Joseph Bondin.  Qal li hu ma setghax jiehu nifs u ghalhekk irreagixxa ma Joseph Bondin.  Qal li hu rahom biss jitghajjru.  Qal li Joseph Chetcuti huwa z-ziju tieghu u li Charlton Chetcuti huwa kuginuh.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **rega' xehed Kenneth Chetcuti** [fol 75] fejn qal li meta hu hareg minghand zijuh u kien sejjer lejn il-vettura tieghu, mar jkellmu kugin ta' Bernard u Joseph Bondin.  Qal li dak l-hin lil Bernard kien ghadu ma kellmux u li kien ghadu tkellem biss ma Joseph Bondin.   Qal li pero Bernard kien beda jghajjatlu pero hu ma kien ghadu fehem xejn ghaliex ma tax kazu.  X'diskors sar x'hin Bernard kien qed jghidlu dan il-kliem ix-xhud qal li ma kienx jaf ghaliex hu la kien kellmu u lanqas ma kien miggieled mieghu, pero qal li kien qed jindirizza lilu.  Ix-xhud qal li ma fehemx x'ried jfisser Bernard meta qallu biex jistennih sakemm jigi mid-dar u hu kien diga dahal fil-karozza tieghu.  Qal li Bernard dahal fil-karozza tieghu, saq fuq Joseph Chetcuti u dan spicca fuq il-bonnet tal-karozza tieghu.  Qal li hu ma qaghdx jistenna lil Bernard jigi lura mid-dar.    Mistoqsi ghaliex ma telaqx, ix-xhud qal il ghaliex Bernard saq fuq Joseph Chetcuti u dan spicca fuq il-bonnet tieghu u li kif hu kien ser johrog mill-vettura tieghu, mar fuqu kuginuh u qabdu minn ghonqu.  Qal li Joseph Chetcuti u Charlton Chetcuti lahqu dahlu fil-karozza taghhom meta raw lil Bernard diehel fuq il-karozza ta' Joseph Bondin u regghu daru lura.  Qal li meta Joseph Chetcuti semgha l-ghajjat hareg mill-karozza u kien dak l-hin li Bernard saq ghal fuqu.  Qal li hu ma saqx ghaliex zijuh kien fuq il-bonnet tal-karozza.   Qal li quddiemu kien hemm il-vann ta' zijuh u li kien ghalhekk li ma telaqx minn fuq il-post.  Mistoqsi kif Joseph Bondin ma hallihx johrog mill-karozza tieghu, ix-xhud wiegeb li dan ghamel idejh ma wiccu waqt li kellu t-tieqa mnizzla.  Qal li hu ma mmaginax li bejn z-zewg kugini tieghu kien ser jinqala dak l-paroli.  Ix-xhud qal li hu ma setghax jwiegeb ghaliex il-vettura ma kellhiex hsarat wara li ra li Joseph spicca fuq il-bonnet tal-vettura ta' Bernard Bondin.  Qal li ma ra lil hadd hlief lil Bernard Bondin sakemm kien fuq il-post.  Qal li Joseph Bondin lilu qabdu minn ghonqu u ma

setghax jiccaqlaq u li dak l-hin hu kien mohhu f'Joseph Bondin peress li kien ser jifgghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-avukat difensur qieghed isostni li din il-Qorti ghandha tilliberha lill-imputat mill-akkuza migjuba kontra tieghu ghaliex ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni mhux kredibbli ghalhiex hemm certi kontradizzjonijiet fix-xhieda taghha li idghajjef il-kaz tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti thoss illi ghandha taghmel referenza ghal xi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali dwar xhieda konfliggenti. ***Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar d-dsatax ta' Mejju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Charles Ducker** iddecidiet li;

"*It is true that conflicting evidence* <u>*per se*</u> *does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge, may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Illi dan l-istess argument gie wkoll imfisser fis-sentenza moghtija mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Mejju 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nicola Mallia:**

*"Dwar il-kwistjoni ta' konflitt fil-provi kif gia kellha diversi okkazzjonijiet ohra precdenti tghid, din l-istess Qorti mhux kull darba li hemm zewg versjonijiet konfliggenti necewssarjament u awtomatikament ifisser li hemm konflitt fil-provi u allura dan il-konflitt ghandu jmur favur l-akkuzat. Ikun biss il-konflitt fil-provi li minnu ghandu jibbenefika l-akkuzat meta hemm zewg versjonijiet differenti tl-istess fatt li t-tnejn ikun accettabbli, plawsibbli u vero similli b'mod li l-Qorti ma tkunx f'posizzjoni ta' certezza morali li tccetta versjoni wahda u mhux l-ohra. Minkejja l-fatt li jista ikun hemm zewg versjonijiet konfliggenti tal-istess fatt, jekk il-Qorti tara li versjoni*

*minnhom hija dik l-aktar kredibbli jew vero simili, allura hi tista tiddecidi a bazi ta' dik l-versjoni, u tiskarta l-ohra."*

Din il-Qorti pero tenfasizza wkoll li mhux kull darba li hemm zewg xhieda li jghidu l-oppost allura awtomatikament hemm bilfors konflitt ta' provi [vide **Il-Pulizija v Paul Attard** - ***deciza sbatax ta' Mejju 1999***].

Illi x-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni ma kienux prezenti waqt l-incident premotur bejn Bernard Bondin u l-imputati izda dahhlu fix-xena biss wara li wasal fuq il-post missier Bernard Bondin.

Illi din il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda b'mod individwali sabiex tara jekk mill-provi prodotti hemm bizzejjed provi li jwasslu lil din il-Qorti tasal ghall-konvinciment morali li dak li gew akkuzati l-imputati verament sehh.
Illi m'hemmx dubju li kemm Bernard Bondin u ommu Marisa spiccaw feruti f'dan l-incident u dan kif gie konfermat mic-certifikati esebiti a fol 13 et seq u mmarkati bhala dokumenti CSH 5 u CSH 6. Jirrizulta fil-konfront ta' Marisa Bondin illi din kellha "contusion on her nose and back of head" u li fil-fehema ta' Doctor Jesmond Cassar il-feriti in kwistjoni kienu ta' natura hafifa.

Illi mix-xhieda ta' Marisa Bondin ma jirrisultax min effettivament ta'd-daqqiet li soffriet ghaliex hija tghid li qalet id-daqqiet minn wara pero ma kienetx f'posizzjoni li tghid min tahomla.

Illi bin Marisa Bondin, Bernard, ukoll fix-xhieda tieghu ma jindikax min effettivament ta' daqqiet lil ommu ghalkemm jghid li ra lill-imputat Joseph Chetcuti jaghti daqqiet ta' ponn fuq is-saqaf u bonett tal-vettura taghha.

Joseph Bondin fix-xhieda tieghu jghid li lill-imputati u lill-Michael Chetcuti rohhom jaghtu lil Bernard Bondin u jghatu daqqiet fuq il-karozza ta' omm Bernard Bondin.

Joseph Aquilina ma jghamel l-ebda referenza ghal Marisa Bondin fix-xhieda tieghu. L-imputati Joseph Chetcuti u

Charlton Chetcuti fix-xhieda taghhom ma jaghmlu l-ebda referenza ghal Marisa Bondin. Joyce Chetcuti fix-xhieda taghha rigward Marisa Bondin tghid li kienet hi li qalghet daqqiet minghand Marisa Bondin u fil-fatt hemm certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument PS fl-atti dwar il-feriti li subiet. Ghaldaqstant in liena ta' dawn il-provi l-Qorti ma thossx illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuza li kienu l-imputati li hebbew ghal Marisa Bondin u ikkagunawlha feriti ta' natura hafifa.

Dwar l-akkuza li l-imputati ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Bernard Bondin din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda mismugha.

Marisa Bondin fix-xhieda taghha tal-hmistax ta' Mejju, 2003 tghid li rat lil Joseph Chetcuti ighati lil binha daqqa ta' ponn f'ghonqu, rat lill-imputati jkaxkruh mal-art pero' fl-istess hin tghid li ma ratx lill-imputati ighatu lit-tifel ghalkemm taf minn rahom.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda li tat din Marisa Bondin u ghaddiet biex tara x'kellhom xi jghidu dwar din l-akkuza x-xhieda l-ohra.

**Bernard Bondin** jghid b'mod car u kategoriku li jaf li Charlton Chetcuti gie imbottat minn wiccu miz-zewg imputati u tefghuh mal-art u Joseph Chetcuti tah daqqa f'ghonqu.

**Joseph Bondin** jghid li ra lil Joseph Chetcuti ihebb ghall-kugin tieghu Bernard Bondin. Ex admissis jghid li ra lil Joseph Chetcuti kif ukoll li Charlton Chetcuti jghati lil Bernard Bondin u jaghti ukoll lil karozza.

**Joseph Aquilina** jghid ukoll li ra lill-imputati jghatu lil Bernard Bondin u jghatu daqqa lill-vettura li kien biha Bernard huwa u hiereg minnha. Anzi jghid li Bernard dam jaqla daqqiet minghand l-imputati ghal aktar minn hames minuti.

L-imputat **Joseph Chetcuti** ma jinnegax li kellu xi jghid ma Bernard Bondin ghalkemm jghid li kien hu li hebb

ghalihom u li sussegwentement gew il-familjari tieghu u l-glieda kibret. **Charlton Chetcuti** jghid li kien Bernard li beda l-inkwiet meta hebb ghalihom.

Ix-xhieda l-ohra jidhlu fl-istampa wara li sehh dan l-incident u ghalhekk ai fini ta' din l-akkuza il-Qorti mhix ser tikkummenta aktar.

Illi **Doctor Jesmond Cassar** jikkonferma li l-feriti subiti minn Bernard kienu konsistenti f' "multiple abrasions and contusions on his face, upper limbs and back".

Illi ghalhekk tali xhieda tikkorrobora dal li qalu x-xhieda fuq indikati u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li din l-akkuza dwar feriti li subixxa Bernard Bondin tirrizulta ippruvata.

Dwar il-feriti subiti minn Benjamin Bondin din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda fuq imsemmija u minn apprezzament taghhom jirrizulta illi l-glieda fejn kien involut Benjamin Bondin kienet bejnhom u Michael Chetcuti u dan peress illi huwa wasal fuq il-post wara li ibnu Bernard kellu xi jghid mal-imputati. Illi ma jirrizultax mill-provi prodotti illi l-imputati ghandhom jinstabu hatja li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu.

M'hemmx dubju illi l-kontravenzjoni dwar ksur ta' paci pubblika b'ghajjat u glied tirrizulta ippruvata b'mod soddisfacenti u l-Qorti ma thossx illi ghandha telaboraha aktar. Pero minn naha l-ohra, l-kontravenzjoni l-ohra dwar tghajjir, ingurja u nsulti fil-konfront ta' Bernard Bondin ma tirrizultax ippruvata.

Dwar l-akkuza ta' hsara volontarja fuq il-vettura ta' Marisa Bondin tal-ghamla Opel Corsa SYC 001, m'hemmx dubju illi din spiccat b'diversi hsarat kif deskritti mill-panel beater li xehed f'din il-kawza, certu John Montebello u Philip Hammet u del resto kif jirrizulta mid-dokument MB esebit fl-atti a fol 19. Illi dwar il-kwantu, pero', l-Qorti semghet lil John Montebello jixhed u jghid illi huwa kien ser jiccargja mija u hames liri Maltin (Lm105) tal-ispray fuq din l-istess vettura. Philip Hammet jghid li ma ghamel l-ebda xoghol fuq din il-karozza u ghalhekk l-ammont involut

rappresentanti l-hsarat li gew ikkkagunati fuq din il-vettura huma dawk ta’ mija u hames liri Maltin (Lm105). Il-Qorti ma thossx illi l-Prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova lil min kienu dovuti s-sebghin lira Maltin (Lm70) indikati bhala labour u panel beating fuq id-dokument MB. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Marisa Bondin li din il-vettura li kienet giet mislufa lil binha, spiccat b’diversi daqqiet fuqha. Ix-xhieda fosthom Benjamin Bondin, Bernard Bondin, Joseph Bondin u Joseph Aquilina llkoll jghidu li raw lill-imputati jaghtu daqqiet lill-vettura in kwistjoni u ghalhekk fil-fehema ta’ din il-Qorti din l-akkuza tirrizulta ppruvata fl-ammont fuq imsemmi.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 221, 338(dd), 339(d)(e)(l), 325 u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib liz-zewg imputati JOSEPH CHETCUTI u CHARLTON CHETCUTI hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti salv u b’eccezzjoni talli ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Benjamin u Marisa Bondin u talli heddew w ingurjaw lill-istess Bernard Bondin minn liema zewg akkuzi l-Qorti tilliberahom.**

Bhala piena il-Qorti rat il-fedini penali tal-imputati esebiti fl-atti a fol 7 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat Joseph Chetcuti kien instab hati ta’ reat naxxenti mill-Ordinanza tal-Vat meta gie ikkundannat ihallas hamsin lira Maltin u waqt li dik ta’ Charlton Chetcuti hija nadifa minghajr ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni fuqha u ghalhekk il-piena applikabbli f’dan il-kaz ghandha tkun differenti fil-konfront tieghu.

**Ghalhekk filwaqt li <u>tikkundanna lill-imputat JOSEPH CHETCUTI</u> b’mod komplessiv ghall-akkuzi li sabitu hati taghhom, <u>multa ta’ mitejn u hamsin lira Maltin</u> (Lm250) <u>tiddecidi li tpoggi lill-imputat CHARLTON CHETCUTI taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn mill-llum</u> ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat l-ufficjal idejali ghal dan il-probationer.**

**L-imputat probationer ghandu jzomm kuntatt regolari mal-Ufficjal tal-Probation u jsegwi l-ordinijet mghotija minn dan l-Ufficjal f'kull hin.**
**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat Charlton Chetcuti u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------